MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# ONOR. IMĦALLEF
# LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-9 ta' Frar, 2016

Rikors Maħluf Numru: 264/15 LM

**Avukat Dottor Julienne Portelli Demajo (ID Nru 245084M) fil-kwalità tagħha ta' mandatarja speċjali tas-soċjetà estera Razor (Europe) GmBH reġisrata fil-Ġermanja**

**vs**

**Visual and Sound Communications Limited (C6189)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà estera **Razor (Europe) GmBH** reġisrata fil-Ġermanja (minn issa "is-soċjetà attriċi") maħluf mill-Avukat Dottor Julienne Portelli Demajo, bħala mandatarja speċjali

tagħha, ipppreżentat fl-20 ta' Marzu, 2015 li permezz tiegħu ppremettiet illi:

1. *Illi s-soċjetà estera Razor (Europe) GmBH reġistrata f'Winterhuderweg 82, D-22085, f'Ħambug, il-Ġermanja, hija soċjetà attiva fis-suq tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' hardware u software ta' logħob diġitali u kienet tissupplixxi lis-soċjetà konvenuta b'diversi kwalitajiet u kwantitajiet ta' logħob diġitali u prodotti relatati;*

2. *Illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà estera kif lokalment rappreżentata fis-somma bilanċjali ta' sebgħa u ħamsin elf, sebgħa mija ħamsa u erbgħin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€57,745.71) liema somma tirrappreżenta l-prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lilhom fuq inkarigu tagħhom stess u dan ai termini tal-fatturi riportati fir-rendikont anness u mmarkat bħala Dok. JPD 1 u l-fatturi mmarkati bħala Dok. JPD 2 sa JPD 3;*

3. *Illi minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-import ta' dawn il-fatturi anke permezz ta' ittra uffiċjali fil-23 ta' Settembru, 2013 (Dok. JPD4), baqgħet inadempjenti.*

Konsegwentement is-soċjetà attriċi talbet mingħand is-soċjetà konvenuta l-ħlas tal-isemmi debitu.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Mejju, 2015 fejn, wara li aċċertat ruħha li s-soċjetà konvenuta **Visual and Sound Communications Limited (C6189)** (minn issa "is-soċjetà konvenuta") għalkemm debitament notifikata ma kinitx ippreżentat risposta maħlufa, din il-Qorti ddikjarat lill-konvenuta bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit ta' Marco Claudio Chillon f'isem is-soċjetà attriċi (a fol. 27 sa 30).

Rat il-verbal tagħha tal-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2015 li permezz tagħha l-avukat tas-soċjetà attriċi ddikjarat li ma kelliex aktar provi xi tressaq u s-soċjetà konvenuta ngħatat 15-il jum ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha u l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Billi fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta s-soċjetà attriċi ġabet prova sodisfaċenti tal-kreditu tagħha u jirriżulta għalhekk li t-talbiet attriċi huma mistħoqqa.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà attrici s-somma ta' sebgħa u ħamsin elf, sebgħa mija ħamsa u erbgħin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€57,745.71) liema somma tirrappreżenta l-prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lilhom fuq inkarigu tagħhom stess u dan ai termini tal-fatturi riportati fir-rendikont anness mar-rikors maħluf u mmarkat bħala Dok JPD 1 u l-fatturi mmarkati bħala JP 2 sa JPD 3, bl-imgħaxijiet mid-data rispettiva ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Settembru, 2013 a karigu tas-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.

--------------------TMIEM---------------------